MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 68/2011/1

**John Grech u Dorothy Grech**

**v.**

1. **Onor. Prim Ministru;**
2. **Onor. Tonio Fenech – Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment;**
3. **Onor. Dr. Jason Azzopardi – Segretarju Parlamentari fi hdan il-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment;**
4. **Onor Dr. Mario De Marco – Segretarju Parlamentari fi hdan l-Ufficcju tal-Prim Ministru;**

**5. L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar;**
**6. Kummissarju tal-Artijiet;**
**7. Direttur Generali tad-Dipartiment Proprjeta` tal-Gvern;**
**8. Avukat Generali.**

**Preliminari**

1. Dan hu appell minn sentenza moghtija fid-29 ta' April 2013 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza Kostituzzjonali taghha, li permezz taghha dik il-Qorti ddeklinat milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha fit-termini tal-Artikolu 46[2] tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Artikolu 4[2] tal-Konvenzjoni Ewropea [Kap.319], u dan wara li laqghet l-eccezzjonijiet ta' uhud mill-intimati bbazati fuq dawn l-artikoli tal-ligi.

**Il-Mertu tal-Appell**

2. Il-fatti relevanti ghal dan il-gudizzju huma s-segwenti.

3. Fis-sena 1989 parti minn porzjon ta' art sitwata fi Triq Reggie Miller, il-Gzira, appartenenti lir-rikorrenti, giet milquta minn dikjarazzjoni tal-President ta' Malta ghal skop pubbliku konsistenti fil-bini ta' tarag pubbliku li jghaqqad ambjent urban ma' iehor.

4. Fis-sena 1992 gie konfermat li din l-art ma kienitx aktar mehtiega, u konsegwentement giet rilaxxjata mill-effetti tal-espropriju permezz ta' dikjarazzjoni tal-President ta' Malta pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-21 ta' Awwissu 1992.

5 Minkejja dan, l-Awtorita` tal-Ambjent u Ippjanar [l-Awtorita`] informat lir-rikorrenti li dik il-bicca art kienet giet inkluza fin-*North Harbour Local Plan* approvata fit-3 ta' Awwissu 2006 u li ghalhekk ebda applikazzjoni ghall-izvilupp ma setghet tigi kkunsidrata favorevolment billi l-Awtorita` kienet inibita milli tqis dik il-bicca art bhala fabbrikabbli.

6. Eventwalment, wara li r-rikorrenti ppruvaw  ibiddlu l-pozizzjoni, b'diskussjonijiet ma' ufficjali tal-Awtorita`, u wara li deherilhom li ma kienx ser ikun possibbli li jbiddlu l-pozizzjoni, huma istitwew il-proceduri kostituzzjonali odjerni li permezz taghhom qed jitolbu li l-Qorti tiddikjara li l-agir tal-intimati kien vjolativ tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni [Kap.319], u taghti rimedju adegwat, specifikament bit-tnehhija ta' kull restrizzjoni fuq l-art *de quo*, kif ukoll tillikwida d-danni sofferti minnhom u tordna lill-intimati jhallsu dawn id-danni.

## Is-Sentenza Appellata

7. Illi l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha li tiddeklina milli tezercita s-setghat Kostituzzjonali taghha, wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

.................... omissis ....................

"Illi  l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita` u li hija wkoll eċċepita mill-Prim Ministru hija l-Qorti għandha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha *ai termini* tal-Artikolu 4 (2) tal-Att XIV tal-1987 u l-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, *stante* li r-rikorrenti qed jadopera proċedura stroardinarja bħal dik odjerna meta kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedji ordinarji biex iħares id-drittijiet pretiżi minnu.

"Illi din l-eċċezzjoni qed issir peress li  r-rikorrent, qiegħed jallega li ġew leżi d-drittjiet kosituzzjonali tiegħu fir-rigward ta' proprjeta' tiegħu illi fuqha qed jiġi miċħud il-permessi għall-bini minħabba li hemm pjanat li jsir taraġ. Peress li huwa stitwixxa dawn il-proċeduri mingħajr ma għamel il-proċeduri ndikati skont l-Att dwar l-Ippanar, l-intimati qed jeċċepixxu illi l-Qorti għandha tiddeklina milli tkompli tisma' r-rikors *ai termini* tal-proviso wara l-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u dak 4 (2) tal-Kapitolu 319.

"Illi l-proviso ndikat mill-intimati jgħid eżattament illi:

*"Iżda l-Qorti tista' jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan*

*is-sub-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li meżżi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."* (**46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319 jgħidu l-istess ħaġa).**

"Illi din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet **"Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine" (**deċiża fis-7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra illi:

*"Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim' Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali:*

*a. "Meta hu ċar li hemm meżżi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r–rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura Kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;*

*b. "Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' llegalita' jew ta' ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.*

*c. "Kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;*

*d. "Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li ma għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*

*e. "Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ.*

*f. “Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni.”*

“Illi l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet **“Philip Spiteri vs Sammy Meilaq”** (deċiża fit- 8 ta’ Marzu 1995) qalet ukoll li:

*“Meta l-oġġett tal-kawża jkun ta’ natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f’xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief Kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni”.* F’din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma *‘komplessa’* jiżdied il-kliem *‘jew inkella mħallta’.*

“Illi issa fil-każ in ezami r-rikorrenti ndubbjament kellu r-rimedju legali oħra disponibbli għalih u huwa għażel li ma jagħmilx dan. Skont l-istess rikorrenti, huwa għamel dan għaliex uffiċjali stess tal-MEPA qalulu li ma kellu ebda ċans li jinħarġulu l-permessi fiċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu. Il-Qorti hija disposta illi temmnu u m’għandhiex għalfejn tiddubita minn dak li qal meta xehed.

“Illli l-Qorti jidhrilha pero’ li l-eċċezzjoni fil-każ in kwistjoni hija fondata u għandha tiġi akkolta. Fil-kawża fl-ismijiet **“Maria *sive* Marthese Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et”** (deċiża mill-Prim’ Awla, Sede Kostituzzjonali, fit-30 ta’ Settembru 2010) ġie dikjarat illi:

*“L-eżistenza ta’ rimedju ieħor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali. Għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dan il-ksur. Fl-istess waqt ma hemmx għalfejn li biex jitqies effettiv ikun jirriżulta li r-rimedju sejjer jagħti lir-rikorrenti suċċess garanti. Huwa biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista’ jiġi segwit b’mod prattiku, effettiv u effikaċi.*

*Meta jidher li jeżistu meżżi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu r-rikorrent għandu jirrikorri għal*

*dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri għar-rimedju Kostituzzjonali u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-meżżi jew wara li jidher li dawk il-meżżi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju Kostituzzjonali."*

"Illi f'dan is-sens wieħed jista' jsib ukoll l-insenjament fir-rigward fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Joseph Fenech vs Awtorita` tal-Ippjanar et"** deċiża fid-9 ta' Novembru 2012 li kopja tagħha ġiet ukoll esebita mill-Awtorita` intimata fl-atti tal-kawża.

"Illi wieħed għandu jqis li kemm l-artikolu invokat mill-intimati u kemm il-Kostituzzjoni ta' Malta ssemmi meżżi li *'kienu disponibbli'* u allura anke jekk kien hemm meżżi li *'kienu'* disponibbli għar-rikorrent iżda li minħabba t-trapass taż-żmien ma jkunux għadhom (disponibbli), il-Qorti tista' jekk hekk jidhrilha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha. F'dan il-każ ċertament il-Qorti tħoss li jkun abbuż mill-proċeduri Kostituzzjonali jekk l-ilmenti tar-rikorrent jiġu nvestigati meta lanqas biss ipprova juża l-meżżi disponibbli għalih – anzi jidher li dawn il-meżżi għadhom sal-lum disponibbli. Wieħed ma jistax jaqbad u jistitwixxi proċeduri Kostituzzjonali sempliċement għaliex xi ħadd – hu min hu – jkun qatagħlu qalbu li l-meżżi ordinarji jistgħu jirnexxu."

8. Fir-rikors tal-appell taghhom ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti thassar l-imsemmija sentenza u tirrinvija l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex din tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati.

9. Fir-risposta taghhom l-intimati talbu li ghar-ragunijiet indikati fl-istess risposta l-appell jigi michud u s-sentenza tigi konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti.

**<u>L-Appell</u>**

10. L-aggravju tar-rikorrenti jikkonsisti fis-segwenti.

11. L-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi u tal-ligi meta ddeklinat milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha ghax fil-fehema taghha kien hemm rimedju adegwat ghall-lanjanza taghhom.

12. Jghidu li ghalkemm il-ligi taghti l-fakolta` li fic-cirkostanzi tista' ssir applikazzjoni, imsejjha *planning control application*, mal-MEPA, huma dan m'ghamluhx ghaliex ma kienux fil-pozizzjoni li jissodisfaw it-tlett rekwiziti mehtiega sabiex tali applikazzjoni tintlaqa'.

13. Fost dawn ir-rekwiziti hemm dak li jrid ikun hemm il-kunsens ta' 100% tas-sidien u residenti tal-area in kwistjoni, kif ukoll li l-proposta maghmula minnhom fl-imsemmija applikazzjoni kellha tigi approvata mil-lat tekniku, mill-Awtorita`.

14. Ir-rikorrenti jispjegaw li huma ma kienux issottomettew *planning control application*, peress li whud mis-sidien u residenti tal-*cul de sac* fi pjazza Triq il-Madonna tal-Gebla fil-Gzira qalulhom li ma kienux lesti li jaghtu l-kunsens taghhom sabiex it-tarag ma jsirx, u ghalhekk zgur li ma kienx ser ikun hemm il-kunsens ta' kulhadd. Dan ir-rekwizit kien jitqies bhala wiehed essenzjali sabiex tali applikazzjoni jkollha ezitu favorevoli ghalihom.

15. Inoltre, wara diskussjonijiet li kellhom mal-Perit Francis Mallia, ufficjal tal-MEPA, deherilhom li t-tnehhija tal-*link* bejn iz-zewg ambjenti ubani ma kienitx ser tigi approvata.

16. Ir-rikorrenti jkomplu jghidu hekk:
".......... jirrizulta indubitat li, ghalkemm hemm procedura maghrufa bhala *planning control application* dan il-mezz ma kienx effettivament disponibbli ghall-appellant, u dan stante li tali mezz sabiex jigi varat kien jiddependi mill-volonta' ta' terzi u minghajr il-kunsens ta' liema ma setghatx jigi utilizzat. Il-mezz tal-*planning control application* ma seta' qatt jitqies bhala rimedju accessibbli ghall-appellant, u wisq anqas kien tali li jista' jigi segwit b' mod prattiku, effettiv u effikaci, gjaladarba li tali mezz kien

jiddpendi minn fatturi ghal kollox ‘il barra mill-kontroll tal-applellant (il-kunsens tat-terzi).

“.... bis-sottomissjoni ta’ *planning control application*, il-possibilita’ li jinghata rimedju kienet wahda remota.”

17. Ghalhekk jghid li, sabiex jevita hela ta’ hin u spejjez huwa rrikorra ghall-qrati Kostituzzjonali minghajr ma pprezenta applikazzjoni biex tigi eventwalment kkunsidrata mill-*Environment Planning Commission* [il-Kummissioni][1].

18. Huwa jikkritika d-decizjoni tal-ewwel Qorti bhala wahda *“manifestament u grossolanament”* zbaljata.

19. Min-naha taghhom l-intimati li ssollevaw l-eccezzjoni *de quo* jsostnu li, qabel ma r-rikorrenti ghaddew sabiex iressqu proceduri kostituzzjonali, li huma ta’ natura straordinarja, huma kellhom qabel xejn jezawrixxu r-rimedju li kellhom skont il-ligi, u cioe` l-prezentata ta’ *planning control application* li, wara li tigi ezaminata mill-ufficjali tat-taqsima u dawn jaghmlu r-rakkomandazzjoni taghhom, din tigi eventwalment ezaminata mill-Kummissjoni li tiehu decizjoni dwar jekk ghandhiex taccetta jew le l-proposta tal-applikant.

20. Fil-kaz in dizamina dan ma sarx, peress li r-rikorrenti naqsu milli jipprezentaw tali applikazzjoni. Ghalhekk ladarba huma ma uzufruwixxewx mir-rimedju ordinarju moghti lilhom mil-ligi, liema rimedju ghadu disponibbli, l-ewwel Qorti ghamlet sew li rrifjutat li tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha.

**<u>Konsiderazzjonijet tal-Qorti</u>**

21. Illi l-unici xhieda li xhedu f’dan il-kaz, huma r-rikorrent John Grech u l-Perit Frans Mallia, Assistent Direttur mal-Awtorita` intimata.

[1] Imwaqqfa statutorjament bl-artikolu 35 tal-Kap.504

22. Fis-succint il-vertenza li trid tiddeciedi dwarha din il-Qorti hija jekk fil-kaz odjern ir-rimedju li taghti l-ligi f'kazijiet bhal dawk tar-rikorrenti kienx wiehed adegwat u effettiv ghall-ilmenti taghhom, u jekk id-decizjoni tal-ewwel Qorti li tiddeklina li tezercita s-setgha Kostituzzjonali taghha kienetx manifestament zbaljata.

23. Dwar il-pozizzjoni legali il-Qorti taghmel referenza ghall-principji migbura fis-sentenza moghtija minnha fis-16 ta' Jannar 2006 fil-kawza **Olena Tretyak v Direttur tac-Cittadinanza u expatriates Affairs**. Fis-succint jista' jinghad li llum huwa assodat fil-gurisprudenza li biex l-ewwel Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat Kostituzzjonali taghha jehtieg li l-ligi ordinarja taghti rimedju prattiku, accessibbli, effettiv, adegwat u shih ghal-lanjanza tar-rikorrent. M'huwiex necessarju success garantit, basta li r-rikorrent ikollu l-opportunita` fil-ligi ordinarja li jakkwista tali rimedju bl-applikazzjoni ta' din il-ligi.

24. Id-depozizzjonijiet tal-Perit Francis Mallia huma ta' relevanza partikolari ghad-decizjoni tal-vertenza in dizamina, u di fatti iz-zewg nahat fl-atti tal-appell odjern ghamlu referenza ampja ghal dak li qal dan ix-xhud.

25. Il-Perit Mallia spjega l-procedura solita f'kazijiet bhal dawn, fil-qafas ta' dak li tipprovdi l-ligi. Jghid li sabiex tintlaqa' *Planning Control Application*, bazikament iridu jikkonkorru tlett rekwiziti:
"..... f'dak il-kaz ghandek ir-rekwiziti teknici, jigifieri inti l-proposta [maghmula mill-applikant] trid tkun taghmel sens mill-lat tekniku........It-tieni rekwizit huwa li mal-process li tiddahhal l-applikazzjoni, iridu jigu nformati l-partijiet kollha effettwati [b' dak propost]...... t-tielet rekwizit huwa illi hemm f'xi stadju qabel ma tittiehed ghal decizjoni irid ikun hemm in-no objection, jew ahna nghidulu l-kunsens, tal-partijiet illi huma affettwati........Meta l-proposta issirilha rakkomandazzjoni [mill-ufficjali tat-taqsima tax-xhud]... [din] titla quddiem l- *Environmental [Planning] Commission* u tittiehed decizjoni hemmhekk."[2]

---

[2] Fol. 89

26. Fuq kontro-ezami x-xhud qal li kien hemm kazijiet fejn l-Kummissjoni qalbet ir-rakkomandazzjoni mghoddija lilha.[3]

27. Aktar ‘il quddiem fix-xhieda tieghu, dan ix-xhud, b’ referenza ghall-kunsens ta’ kull min hu affetwat, jghid li fil-prattika l-kunsens tal-partijiet affettwati jintalab wara li tkun giet sottomessa l-applikazzjoni, ghar-raguni semplici li jista’ jkun hemm modifiki ghall-proposta originali mill-lat tekniku, u allura ma jaghmilx sens li l-kunsens jintalab qabel, ghax altrimenti l-applikant, f’kaz ta’ modifiki, ikollu jerga’ jakkwista l-kunsens tal-persuni kollha affettwati[4]. Ghalhekk  il-kunsens solitament jintalab fl-istadju l-aktar qrib id-decizjoni.

28. Ikompli jispjega li jkun hemm kazijiet fejn il-proposta inizjali ma tkunx accettabbli ghall-partijiet kollha, izda wara li jsiru negozjati, il-kunsens eventwalment jinkiseb, *“jew permezz ta’ negozjati jew permezz ta’ perswazjoni, jigifieri ltqajna ma kazijiet hekk.”*[5]

29. Fil-kaz in dizamina rrizulta pacifiku li r-rikorrenti kellhom, u ghad ghandhom disponibbli ghalihom, rimedju fil-ligi ordinarja li tipprovdi li permezz ta’ applikazzjoni huma jistghu jaghmlu proposta u jitolbu li l-art de quo ma tibqax tigi kkunsidrata aktar bhala ristretta, fis-sens li mhux fabbrikabbli.

30. Izda r-rikorrenti jsostnu li, peress li ghall-ezitu favorevoli tal-applikazzjoni jehtiegu li jikkonkorru t-tlett rekwiziti fuq indikati, u peress li, skont huma, ma setghux jissodisfaw mija fil-mija ir-rekwizit tal-kunsens tal-residenti u/jew sidien tal-area, allura, skont huma, dan ir-rimedju ma kienx wiehed effettiv ghalihom stante li l-applikazzjoni ma setghetx ikollha ezitu favorevoli, jew, kif sottomess minnhom fir-rikors tal-appell, li l-possibilita` li jkollhom ezitu favorevoli hija wahda remota.  Ghalhekk, iqisu d-

---

[3] Fol. 85
[4] Fol. 93
[5] Fol. 95

decizjoni li hadet l-ewwel Qorti bhala manifestament u grossolanament zbaljata.

31. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dak sottomess mir-rikorrenti u hi tal-fehema li d-decizjoni li hadet l-ewwel Qorti kienet, fic-cirkostanzi, wahda korretta u konformi mal-ispirtu tal-ligi fl-artikoli Kostituzzjonali u Konvenzjonali fuq citati.

32. Fir-rigward huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

33. Jirrizulta mill-provi, il-procedura solita hi li, meta tigi prezentata *planning control application*[6], il-persuni kollha sidien jew residenti fil-vicinanzi tal-art mertu tal-applikazzjoni u li kienu ser jigu affettwati biha, jigu nfurmati, filwaqt li l-kunsens taghhom kollha jigi mitlub fil-mori tal-ipprocessar tal-applikazzjoni, u dan sabiex, jekk ikun jehtieg xi modifiki fil-proposti originarjament maghmula mill-applikanti, il-kunsens ikun ikopri dawn il-modifiki wkoll. Ghalhekk, is-sottomissjoni tar-rikorrenti li huma ma kienx ser ikollhom il-kunsens ta' kulhadd, meta lanqas kienu ghadhom prezentaw l-applikazzjoni, hija prematura u intempestiva. Dan huwa aktar fortifikat b'dak li qal il-Perit Mallia li gieli kien hemm kazijiet fejn, minkejja li inizjalment ma kienx hemm il-kunsens tal-persuni kollha affettwati, dan il-kunsens bi sforz ta' negozjar u ta' perswazjoni inkiseb fi stadju avvanzat tal-ipprocessar tal-applikazzjoni.

34. Barra minnhekk, kienu zbaljati r-rikorrenti meta strahu fuq dak li qalulhom informalment ufficjali tal-Awtorita` u assumew li l-applikazzjoni taghhom ma kienx ser ikollha ezitu favorevoli, ghax dawn l-ufficjali setghu jitkellmu biss dwar dak li seta' jigri sa l-istadju li huma johorgu r-rakkomandazzjoni taghhom. Sa hemm biss setghu jaslu, u hadd ma seta' validament jassumi li l-Kummissjoni, li hija l-Awtorita` kompetenti li tiehu d-decizjoni, kienet ser taddotta r-rakkomandazzjoni mghoddija lilha, ghax kif xehed l-imsemmi Perit Mallia, kien hemm okkazzjonijeit fejn l-Kummissjoni qalbet ir-rakkomandazzjoni.

[6] Ara. SL.504.76, regolamenti 3, 4[3] u 5[7]

35. Apparti minn hekk, hija f'lokha l-osservazzjoni li, ghalkemm ir-rikorrenti allegaw li ma kienx ser jirnexxilhom jakkwistaw il-kunsens ta' kulhadd, huma ma ressqu ebda prova fir-rigward.

36. Ghaldaqstant l-aggravju m'huwiex gustifikat u ser jigi michud.

<u>Decide</u>

Ghal dawn ir-ragunijiet tiddeciedi billi tichad l-appell, u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez a kariku tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------